**10 ta' Diċembru, 1963**

**Imħallef:**

**Onor. A. Gauci Maistre, LL.D.**

Alexander Victor Baldacchino

*versus*

Henry Albert Pace noe

**Mandat ta' Arrest Personali — Żball — Nullità**

*Ġie ripetutament deċiż mill-Qorti tagħna illi żball fl-isem jew il-kunjom ta' xi ħadd mill-partijiet jimporta n-nullità ta' l-attijiet u tas-sentenza relativa, sakemm ma jkunx hemm korrezzjoni mill-istess Qorti li tkun emanat dik is-sentenza.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta illi b'mandat ta' arrest personali maħruġ minn din il-Qorti b'numru mija tmienja u erbgħin (148) tal-elf disa' mija tlieta u sittin (1963) fuq talba tal-konvenut nomine kontra Victor Alexander Baldacchino ġie arrestat l-attur, li ma jismux Victor Alexander Baldacchino kif ġie mitlub u maħruġ il-mandat imsemmi u għaldaqstant l-attur mhux il-persuna ndikata fl-atti tal-mandat, talab illi tiġi dikjarata nulla l-esekuzzjoni tal-mandat ta' arrest fuq ċitat billi ġie arrestat Alexander Baldacchino, u in konsegwenza din il-Qorti tordna l-immedjata skarċerazzjoni tal-attur, b'riserva favur tiegħu ta' danni u bl-ispejjeż kontra l-konvenut nomine.

Omissis;

Rat l-attijiet tal-kawża fl-ismijiet Pace vs. Baldacchino deċiża minn din il-Qorti fid-dsatax (19) ta' Frar, 1963;

Omissis;

Tikkunsidra illi l-fatti li taw lok għal din il-kawża jinsabu rikapitolati fis-sentenza fuq imsemmija tal-*Onorabbli Qorti* tal-Appell. Ma hemmx kwistjoni illi l-attur jismu Alexander Victor Baldacchino u li hu l-istess persuna illi ġiet ċitata u kkundannata għall-arrest personali f'nuqqas ta' ħlas tad-debitu fil-kawża quddiem dina l-Qorti fl-ismijiet Henry Albert Pace vs. Victor Alexander Baldacchino deċiża fid-dsatax (19) ta' Frar, 1963, u *li in esekuzzjoni ta' dina* s-sentenza l-konvenut ottjena l-ispedizzjoni ta' mandat ta' arrest kontra l-attur li ġie esegwit fis-sebgħa (7) ta' Ottubru, 1963. Il-mandat kien konformi għas-sentenza fuq imsemmija ċioè kontra Victor Alexander Baldacchino;

Il-konvenut sostna illi la darba l-persuna arrestata u l-persuna kkundannata għall-arrest huma l-istess, ma jagħmilx differenza jekk fil-mandat tal-arrest l-isem huwa Alexander Victor jew Victor Alexander Baldacchino: il-konvenut aċċetta *n-notifika* bl-*isem ta'* Victor Alexander Baldacchino meta ġie ċitat fl-ewwel kawża, ikkontesta l-kawża taħt dak l-isem u qatt ma ssolleva ebda eċċezzjoni u akkwieta ruħu għas-sentenza. Dan kollu juri illi l-attur jirrispondi xorta waħda għall-*isem ta' Victor Alexander kemm għall-isem ta'* Alexander Victor, — u f'kwalunkwe każ m'għandux jidderiva profitt minn negliżenza tiegħu;

Tikkunsidra illi ġie ripetutament deċiż mill-Qorti tagħna illi żball fl-isem jew il-kunjom ta' xi ħadd mill-partijiet jimporta *n-nullità* tal-attijiet u tas-sentenza relativa, sakemm ma jkunx hemm korrezzjoni mill-istess Qorti li tkun emanat dik is-sentenza. F'din il-kawża però l-attur ma qiegħed jinvoka ebda nullità tas-sentenza tad-dsatax (19) ta' Frar, 1963, u jillimita ruħu għall-fatt illi huwa *ma setax jiġi arrestat* b'dana l-mandat li jirrigwarda lil Victor Alexander Baldacchino men-

tri huwa jismu Alexander Victor Baldacchino.

Kif limitata l-kwistjoni mill-attur, il-Qorti tara illi għandu pjenament raġun. Is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kienet kontra Victor Alexander Baldacchino u jekk ġiet esegwita kontra Alexander Victor Baldacchino ġiet esegwita illegalment. Dan il-pont ġie stabbilit mill-Qorti Kriminali al-Appell l-ewwel darba fil-kawża institwita mill-Pulizija kontra Raymond Cassar quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati, Appell Kriminali Mallia vs. Cassar 29 ta' Settembru, 1956. L-imputat fil-fatt kien Raymond Cassar Torreggiani qatt ma kien ikkundannat mill-ewwel Qorti u għalhekk ma kienx hemm lok għall-Appell da parti tiegħu għaliex (kliem testwali tal-Qorti) "dik is-sentenza ma tirrigwardax lilu, iżda lil Raymond Cassar, u **kull tentativ ta' esekuzzjoni ta' dik is-sentenza kontra Raymond Cassar Torreggiani** ikun illegali". (it-tipi grassi huwa ta' din il-Qorti). Dan il-prinċipju baqa' jiġi applikat ripetutament mill-Qorti Kriminali tal-Appell (Ara fost oħrajn Pulizija vs. Blancho 4 ta' Mejju, 1957, Pulizija vs. Pace Bondin 28 ta' Frar, 1959, Pulizija vs. Farrugia 21 ta' Novembru, 1959). Jista' jiġi obbjettat illi dawn huma sentenzi tal-Qorti Kriminali, li ma japplikawx għalhekk għal sentenza tal-Qorti Ċivili, però l-arrest personali anke jekk kien ordnat mill-Qorti Ċivili, jibqa' dejjem restrittiv tal-libertà personali, u l-prinċipju għalhekk jibqgħu l-istess: **barra minn dan f'każ ta' arrest personali qegħdin "in odiosis"** u l-Qrati dejjem applikaw restrittivament id-depożizzjonijiet relativi tal-liġi. U inqas m'għandu jingħad illi s-sentenzi fuq ċitati tal-Qorti Kriminali jirrigwardaw biss il-kwistjoni illi korrezzjoni ta' żball fl-attijiet tal-Qorti tal-prima stanza ma jistgħux isiru fil-grad tal-Appell, għaliex għalkemm il-Qorti Kriminali, fil-fatt qalet hekk però hija affirmat ukoll il-prinċipju l-ieħor illi kull tentativ ta' esekuzzjoni ta' sentenza f'każi simili tkun illegali.

Għaldaqshekk tiddeċiedi billi tilqa' t-talba u tordna l-is-

karċerazzjoni immedjata tal-attur: l-ispejjeż, in vista illi l-attur svia lill-konvenut meta xejn ma eċċepixxa fl-ewwel kawża fuq l-iżball tal-isem: jibqgħu — bla taxxa — d-dritt tar-Reġistru bin-nofs.